L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 31 ta' Awwissu 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Il-kuntentizza fil-ħajja takkwistaha bil-flus? Iddiskuti.
2. Irrakkonta storja li fiha tissemma maltempata kbira.
3. Is-saħħa mentali fil-pandemija.
4. Iddeskrivi ġimgħa ta' attivitajiet kulturali li saret miż-żgħażagħ tal-komunità.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

## Il-faqar

Il-faqar huwa assoċjat ma' tabù. Dejjem hemm il-biża' li xi ħadd jaqa' fih kif ukoll li xi ħadd jitkellem dwaru. F'Malta ftit li xejn taħseb li l-faqar jeżisti, iżda l-istatistiċi juru mod ieħor. L-istatistiċi riċenti tal-Unjoni Ewropea dwar id-dħul finanzjarju u l-mod ta' għajxien li huma meħuda minn stħarriġ maħruġ ta' kull sena mill-UE, li jiġbor informazzjoni fuq id-dħul finanzjarju, il-faqar, l-esklużjoni soċjali, l-akkomodazzjoni soċjali, l-edukazzjoni dwar ix-xogħol u s-saħħa, juri li fl-2018, 88,777 persuna f'Malta kienu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. Dan ifisser 20% tal-popolazzjoni.

Jekk individwu ma jkunx jista' jħallas mill-inqas erbgħa minn disa' affarijiet li jgħinuh jgħix ħajja diċenti, ikun meqjus bħala deprivat. Huwa importanti li persuna jkollha dħul biżżejjed biex tixtri ikel għal dieta tajba, tlaħħaq mal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ma' ħlas fuq self jew dejn mal-bank. Apparti minn hekk, jekk persuna ma jkollhiex mezzi biex issaħħan jew tkessaħ id-dar, magna tal-ħasil, televixin, telefonija inkluż dik ċellulari kif ukoll karozza fuq isimha, ukoll titqies deprivata. L-istħarriġ iżid ukoll l-importanza li individwu jkun kapaċi jlaħħaq ma' ħlasijiet li jinqalgħu minn taħt ir-riħ u li jħallas safra ta' ġimgħa darba f'sena.

Jekk nagħtu ħarsa lejn dan l-istudju naraw li l-ġeneru tal-persuna ma jinfluwenzax l-effett fuq ir-riskju ta' faqar jew l-esklużjoni soċjali. Madankollu s-sitwazzjoni tinbidel meta niġu għall-età. Filwaqt li hemm 15.8% li għandhom bejn it-18 u l-64 sena li qegħdin f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, il-persentaġġ jiżdied għal 26.7% għal dawk li għandhom minn 65 sena 'l fuq. F'Malta, bħal f'kull pajjiż ieħor żviluppat, il-popolazzjoni qed tixjieħ. Dan ifisser li hemm il-ħtieġa li iktar nies ta' etajiet iżgħar jaħdmu, biex jagħmlu tajjeb għal dawk li huma ta' età tal-pensjoni.

Jekk inħarsu lejn familji b'ġenitur wieħed is-sitwazzjoni hemmhekk hi iktar diffiċli. Numru sostanzjali ta' 51% tal-familji b'ġenitur wieħed qegħdin f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Hawn bejn wieħed u ieħor 12,000 ġenitur wieħed li jindukraw xi 18,000 tifel u tifla, ammont li ta' kull sena jiżdied. Kif inhu mistenni, hu iktar diffiċli tieħu ħsieb familja persuna waħedha milli koppja. Hu importanti li wieħed jinnota li iktar min-nofs tal-ommijiet bħala ġenitur wieħed qegħdin f'riskju ta' faqar, u din hi sitwazzjoni serja.

F'pajjiżna, is-servizzi soċjali huma ħafna, imma l-faqar jista' jitnaqqas drastikament b'policies għaqlin mill-Gvern. L-ebda policy ma tkun effettiva jekk ma nitkellmux dwar ir-realtajiet li jġib miegħu l-faqar. F'Malta l-poplu hu ġeneruż, u l-karità u l-volontarjat jgħinu fl-immedjat iżda dan mhux biżżejjed. Bla ebda dubju, l-edukazzjoni u l-għaqal għandhom irwol importanti biex jonqos il-faqar fil-pajjiż. Dan kompla joħroġ ċar waqt il-pandemija tal-COVID-19. Tgħallimna li kemm bħala pajjiż, bħala individwi, kif ukoll bħala kumpaniji li jħaddmu n-nies, għandna dejjem infaddlu għall-futur.

Ħadd m'għandu jibża' jitkellem fuq il-faqar, anzi din hi t-triq 'il quddiem.

*(https://newsbook.com.mt/blog/il-faqar-inharsu-l-quddiem)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. X'juru l-istatistiċi dwar il-faqar f'Malta? (2)
2. Fuq xiex tibbaża l-istudju tagħha l-Unjoni Ewropea? (2)
3. Agħti **ŻEWĠ** fatturi/raġunijiet li minħabba fihom bniedem ikun meqjus 'deprivat'. (2)
4. Liema hija dik it-tip ta' familja l-aktar f'riskju ta' faqar? (2)
5. Semmi **ŻEWĠ** modi kif jittaffa ftit il-faqar f'pajjiżna. (2)
6. Fil-fehma tiegħek u minn dak li qrajt, għaliex taħseb li huwa importanti li nitkellmu fuq il-faqar? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra għal kull kelma li hija **bold** skont is-silta ta' hawn taħt:

   Jekk nagħtu ħarsa lejn dan l-**istudju** naraw li l-ġeneru ma jinfluwenzax l-effett fuq ir-riskju ta' faqar jew l-esklużjoni soċjali. Madankollu s-sitwazzjoni tinbidel meta niġu għall-età. Filwaqt li hemm 15.8% li għandhom bejn it-18 u l-64 sena li qegħdin f'**riskju** ta' faqar jew esklużjoni soċjali, il-persentaġġ **jiżdied** għal 26.7% għal dawk li għandhom minn 65 sena 'l fuq. F'Malta, bħal f'kull pajjiż ieħor żviluppat, il-popolazzjoni qed tixjieħ. Dan ifisser li hemm il-**ħtieġa** li iktar nies ta' etajiet iżgħar jaħdmu, biex jagħmlu tajjeb għal dawk li huma ta' età tal-pensjoni (3 paragrafu). (4)

8. Sib kelma jew frażi minn paragrafu 5 li għandha din it-tifsira:
   a. ħidma bla ħlas;
   b. ta' malajr;
   ċ. persuni;
   d. ġejjieni. (4)

9. Xi tfisser l-espressjoni "Din hi t-triq 'il quddiem" fl-aħħar sentenza tas-silta? (2)

**(Total: 22 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-faqqiegħ huwa ħlejqa interessanti li flimkien ma' organiżmi oħra bħall-moffa huma fungi. Dawn il-ħlejjaq mhumiex annimali għax ma jiklux ħlejjaq oħra iżda lanqas huma ħxejjex. Il-pjanti fihom il-klorofilla. Din hija kimika li tagħti l-kulur aħdar lill-pjanti, tuża d-dawl tax-xemx biex tibni l-materjal organiku li minnu huma mibnija l-pjanti. Il-faqqiegħ m'għandux weraq, zkuk u għeruq. Hu jikkonsisti fi ħjut irqaq li jikbru ġewwa materjal organiku bħall-pjanti u annimali kemm ħajjin kif ukoll mejtin. Il-faqqiegħ jieħu n-nutriment mill-materjali li jkunu qegħdin jgħixu fih. Il-ħjut jipproduċu kimika li tkisser il-materjal organiku f'kimika aktar sempliċi u jassorbuha. Minħabba f'hekk, il-fungi għandhom funzjoni importanti ħafna fin-natura billi jiddekomponu pjanti u annimali mejta, għax kieku jibqgħu għal żmien twil fin-natura qabel jisparixxu. Fil-ħarifa nkunu nistgħu nsibu numru differenti ta' faqqiegħ. Wieħed mill-aħjar postijiet f'Malta fejn tista' ssib faqqiegħ differenti hu l-Buskett.

*(Addattament minn tagħrif fis-siti www.maltawildplants.com u www.thecliffs.com.mt)*

1. Sib u ikteb plural miksur. (1)
2. Sib u ikteb aġġettiv fis-superlattiv. (1)
3. Agħti l-għerq ta' **qegħdin.** (1)
4. Sib u ikteb parteċipju attiv. (1)
5. Agħti l-plural ta' **organiku**. (1)
6. Mis-silta sib u ikteb aġġettiv Rumanz. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv ta' nisel Semitiku. (1)
8. Sib u ikteb verb kompost. (1)
9. Sib u ikteb nom fil-kollettiv. (1)
10. Mis-silta sib u ikteb verb fit-tieni forma. (1)
11. Agħti n-negattiv ta' **jgħixu**. (1)
12. Ikkonjuga l-verb **nistgħu** fl-ewwel persuna singular fil-perfett. (1)
13. Sib u ikteb nom fid-diminuttiv ta' nisel Rumanz. (1)
14. Agħti n-nom verbali mill-verb **tibni**. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li int pulizija, u ġejt imqabbad sabiex tirrapporta każ fejn ġemgħa nies kienu qegħdin jiksru r-regoli tal-COVID-19. Ikteb rapport biex jiġi miżmum fir-rekords tal-pulizija.

**JEW**

2. Ġimgħa ilu nxtered ħafna żejt ftit 'il barra mill-kosta Maltija minħabba li għereq vapur tal-merkanzija. Ikteb rapport dwar dak li ġara u l-impatt negattiv ikkawżat minn din it-traġedja.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Is-Sibt se tittella' seduta virtwali tal-Parlament b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, li se timmarka edizzjoni oħra tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Ikteb ittra lil dan il-kunsill sabiex tgħaddilu xi suġġerimenti ta' x'jista' jiġi diskuss dakinhar.
   Ismek: Jade/Jake Bonnici
   L-indirizz tiegħek: 11, Triq l-Iżviluppatur, Ħal Qormi, QRM 1570.
   L-indirizz tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ: 50 Triq l-Iljun, il-Furjana, FRN 1513.

**JEW**

2. Ikteb email lill-editur tar-rivista lokali sabiex turih bix-xewqa li fil-ħarġa li jmiss jippubblikalek artiklu dwar il-Festival tal-Ktieb f'Malta.

   Ismek: Jasmine/John Gatt
   L-indirizz elettroniku tiegħek: jgatt@stud.com
   L-indirizz elettroniku tal-pubblikatur: pubblikatur@eduk.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

................................................................................................................................

................................................................................................................................

................................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

ĊES22/2B.22s

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 31 ta' Awwissu 2022 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**
**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jien* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jien,*** Victor Fenech

Jien idealist –
nemmen f'dinja bla passaporti
bla fruntieri bla kulur.

Jien prattiku –
nemmen fil-lum fil-mewt fil-ħidma
fit-toqol tal-ftehim.

Jien romantiku –
nemmen fil-ġustizzja
fl-imħabba fis-sbuħija.

Jien realist –
nemmen fi ċkuniti
fl-iżball fl-iżolament.

Jien ribell/kompromessist –
nibni u nfarrak,
nemmen u niċħad,
nobgħod u nħobb.

Jien ħafna nies
u jien bniedem wieħed.

Jien ... min jien?

**Wieġeb:**

1. Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex il-poeta jibda kull strofa bil-kelma, "Jien". (4)

2. Xi jrid ifisser il-poeta meta jsejjaħ lilu nnifsu "idealist" fl-ewwel strofa? Fisser ruħek permezz tal-eżempji li jagħti l-poeta f'din l-istess strofa. (4)

3. X'effett joħloq il-poeta permezz tal-polisindeto li jħaddem fil-ħames strofa? (4)

4. X'effett joħloq il-poeta meta jtemm il-poeżija bil-vers "Jien ... min jien?" (4)

5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta. X'effett toħloq il-varjetà li juża? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Żagħżugħ ta' Dejjem,*** Dun Karm Psaila

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija,
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija;

tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħalma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba,

iżda t-tiflil tal-qoxra
fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta,
jgħid storja ta' xjuħija
bħalma kellhom fiż-żmien ommha u nannietha;

sa fuq l-iebes taż-żonqor
li jsewwed taħt is-silġ tal-Alpi, il-lima
tgħaddi tas-snin u tħalli
il-barxa li turik kemm hi qadima;

**Wieġeb:**

1. X'inhu l-kuntrast li qed jibni l-poeta fl-ewwel strofa? Ikteb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet biex issaħħaħ dan il-kuntrast. (4)

2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-vers, "dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija"? Fil-kuntest ta' din il-figura, x'effett joħloq il-poeta bil-kelma "xmux"? (4)

3. Minn dak li naqraw f'din is-silta tal-poeżija, fisser kif in-natura tgħaddi mill-istess proċess li jgħaddi minnu l-bniedem. (4)

4. Sib eżempju ta' metafora fir-raba' strofa, iktibha, u fisser l-effett li joħloq biha l-poeta. (4)

5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta. Huwa metru regolari jew irregolari? Għid għaliex. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Firda minn Kelb* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Firda minn Kelb,*** Ġużè Ellul Mercer

Ħarist lejn il-kelb u sibtu jirtogħod bid-deni, u rajt ħafna lgħab nieżel ma' geddumu; u deherli li kien tgħarraq aktar milli kien xħin ħriġna mid-dar. Għajnejh kienu għadhom sħaħ, sbieħ u mimlijin dehen; iżda kienu jleqqu aktar minn meta kien f'sikktu u kellhom fihom bħal ħarsa ta' biża'. Donnu l-kelb kien qed jifhem li konna qed ingħidu li kien jeħtieġlu jmut.

Xħin l-iskarpan għalaq il-ħanut, ħriġna jien, hu u l-kelb u rħejnielha lejn l-għassa. Iltqajna ma' tnejn oħra nafuhom u ġew magħna. Wieħed minnhom qalli li ta' xejn sejrin għaliex wara l-erbgħa l-għassa ma jżommux klieb. L-ieħor qalli li l-għassa hemm is-surġent Franz. Dak mhux mill-agħar u għandu mnejn iżommu. Is-surġent Franz ħabib tiegħi. Meta kien tfal, kien joħroġ miegħi għall-kaċċa.

Sa ma wasalna, ħallejt il-kelb jimxi waħdu warajna, mingħajr ma rbattu. Meta kont noħorġu mid-dar qatt ma kont nissogra nħallih jimxi waħdu mingħajr ġilda. It-toroq mimlija karozzi u malli kelb jaqsam triq, jekk ma jkunx imdorri, dik is-siegħa tirfsu karozza. Issa deherli li m'hemmx aktar għalfejn nibża' li tista' toqtlu karozza, ladarba kont se noqtlu jien. Il-kelb għadda maħkuk mal-bankina, għad li aħna konna mexjin f'nofs it-triq; u minflok ħadt ħsiebu jien, ħa ħsieb hu tiegħu nnifsu. Donnu kien qed iħoss li waslet sigħetu.

Aħna u mexjin bdejna ngħidu ħafna ħmerijiet bħalma jgħidu ħafna rġiel meta jkunu mexjin fit-triq wara li jkunu reġgħu lura mix-xogħol u straħu u ħarġu mid-dar biex jgħaddu siegħa żmien. U għad li ssoktajt mat-tlieta li kelli miegħi, f'qalbi bdejt inredden li jekk is-surġent ma jżommlix il-kelb sal-għada nerġa' nieħdu d-dar miegħi u nara x'nagħmillu biex infejqu. Xħin wasalna fejn l-għassa dort fuq l-iskarpan u għedtlu: "Qed tarah il-kelb? Donnu ħa r-ruħ!" u hu weġibni: "Hekk qed ingħid waħdi," u bqajna deħlin l-Għassa.

Is-surġent kien magħluq f'kamra mal-ispettur u bqajna lkoll nistennew sa joħroġ. Kuntistabbli tal-bieb qalli li aħjar nerġa' niġi filgħodu, għax dal-ħin ma jżommux klieb. Fraħt meta smajtu jgħidli hekk; iżda ridt nistenna lis-surġent Franz għax kont naf li dak iżommhuli; għad li ma xtaqtux iżommu.

**Wieġeb:**

1. Minn dak li naqraw f'din is-silta, xi nsiru nafu dwar ir-relazzjoni li teżisti bejn in-narratur u l-kelb tiegħu? (4)

2. In-narratur għaddej minn żewġ emozzjonijiet differenti. Fisser x'inhuma dawn l-emozzjonijiet u kkwota **ŻEWĠ** sentenzi mit-tielet paragrafu biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)

3. Ikkwota **TLIET** frażijiet jew sentenzi li juru li sid il-kelb ma ridux imut. Għaliex ma ridux imut? (4)

4. Skont dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, fisser kif f'mumenti diffiċli bħal dawn in-narratur ifittex il-wens. (4)

5. Din is-silta hija taħlita ta' partijiet narrattivi u partijiet riflessivi. Ikteb għaliex. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ċensina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ċensina***, Lino Spiteri

Hu u nieżel, reġa' waqaf b'nofs ħajra għal darb'oħra, għax snin twal iħabbat il-bibien kienu darrewh jibqa' jfittex kull laqxa biex jara kif jagħmel u jirfed l-imramma. Ħabbat tnejn ħafif bil-ponn fuq il-bieb imgerrem ta' hemm.

Il-bieb infetaħ mill-ewwel. Mara xiħa iżjed minn żmienha laqgħetu qisha ilha tistennieh. "Għaddi, Sinjur, għaddi. Naħseb ħabbatt diġà? Skużani, ma smajtekx. Kont qiegħda ... Imma, għaddi, Sinjur, idħol ġewwa. M'għandix wisq fejn nilqgħek, imma idħol, merħba bik. Int dak li bgħattli r-ritratt, hux tassew? Tridni nivvutalek, għalhekk ġejt?"

Kien dara jsib minn kollox mill-għatba 'l ġewwa, iżda għand din daħal mifxul. U ġewwa, iżjed tħarbat. Faqar kien jaf li baqa', iżda mhux daqshekk, mhux hekk.

"E-e, iva, iva," qalilha, iħares madwaru, imdorri jixrob kull dettall mal-ewwel daqqa t'għajn, " ... iva, bgħattlek ritratt ..."

"Hawn ara ... fejn hu? Hawn!" qaltlu, qisha ferħana. Iżda ħsus ma deherx li kien baqqgħalha x'turi.

Minn qalb gzuz imbarazz, ħarġet li kien bagħtilha. Id-deputat kien tgħallem kif l-aħjar jersaq, wara snin iqandel ruħu bieb bieb u jaħli lsienu jgħid l-istess ħwejjeġ. Issa sar jibgħat biljett-ritratt minn qabel b'nota fuqu. B'hekk in-nies, barra li jsiru jafuh jew jerġgħu jiftakruh mill-ewwel jiffrankawlu l-ħin, għax kemm ifakkarhom li għandhom miktub fejn isibuh jekk jeħtiġuh. Imbagħad ftit kliem skont id-diska li tibda; xi żegħila; tislima, u, " ... skużawni tafux, se jkolli nimxi; baqagħli ħafna x'nagħmel u wara mbagħad għall-parlament, ma nħalluhilhomx ħelwa lil dawk; imma fittxuni, tiddejqux tafux, jien għalhekk qiegħed hawn ..."

Iżda dil-mara ħasditu, bil-biljett-ritratt f'idha, taqta' linja dritta ta' bejgħ u xiri mingħajr xinxilli jew tiġbid.

"Mhux biex tivvutali biss, Sinjura ... emm, oħt; biex issir tafni ..."

**Wieġeb:**

1. X'kienet ir-reazzjoni tad-deputat meta daħal fid-dar ta' Ċensina? Ikteb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)

2. Xi nsiru nafu dwar il-ħajja ta' Ċensina mill-mod kif tilqa' lid-deputat? (4)

3. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza, "Imbagħad ftit kliem skont id-diska li tibda"? Fissirha, u spjega x'effett jinħoloq b'din il-figura. (4)

4. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, xi nsiru nafu dwar il-karattru tad-deputat? (4)

5. X'effett joħloq in-narratur meta, fi tmiem din is-silta, id-deputat l-ewwel jindirizza lil Ċensina, "Sinjura," u fl-istess nifs, "oħt"? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Ma tistax tuża u tirreferi għax-xogħlijiet letterarji (poeżiji u novelli) li ngħataw fit-taqsimiet tar-referenza għall-kuntest. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ikteb kif l-imħabba bejn koppja, u d-dispjaċiri li ġġib magħha, hija mogħtija importanza minn diversi kittieba.

2. Fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn* niltaqgħu ma' karattri li jbatu jew jiġu mqarrqa minn dawk ta' madwarhom. Ikteb dwar dawn il-karattri billi tirreferi għan-novelli 'Il-Koranta' ta' Oliver Friggieri u 'Xtara l-Ħut fil-Baħar' ta' Laurence Mizzi.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer insibu l-iżvilupp politiku u soċjali li seħħ f'Malta minn sistema fewdali għal waħda demokratika. Iddiskuti.

**JEW**

2. Ikteb dwar l-importanza li għandha r-relazzjoni bejn il-Baronċino Mark Antonin u l-bidwija minn Ħad-Dingli Rużann fl-iżvolġiment tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

**(Total: 30 marka)**